TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

**Fit-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumatur**

**Dr. Anthony Cremona**

**vs**

**Time International (Sport) Ltd**

**Illum** 19 **Jannar, 2015**

It Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrent Dr. Anthony Cremona, tas-7 ta' Ottubru 2014

Ra illi s-socjeta' konvenuta, ghalkemm debitament notifika fid-9 ta' Ottubru 2014, kemm bl-avviz kif ukoll bis-smigh tal-kawza, ma dahlet ebda risposta u ma attendietx ghas-seduta tat-3 ta' Novembru 2014.

**Ikkunsidra:**

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda par zarbun tal-marka *Nike Pico*, illi r-rikorrent xtara minghand l-hanut Urban Jungle f'tas-Sliema, fil-11 ta' Settembru 2013, li kienu ghat-tifla tieghu, biex iservuha ghas-sena skolastika. Wara ftit xhur biss, zarbun minnhom beda jinqala' minn quddiem.

Illi r-rikorrent xehed u rega' kkonferma bil-gurament it-talba tieghu. Zied ighid li din ma kentix l-ewwel darba illi xtara zarbun idenituku ghat-tifla tieghu, pero' b'differenza ghad-drabi l-ohra, dan iz-zarbun beda jinqala' minn quddiem wara tlett xhur biss. Sa' Marzu tal-2014, iz-zarbun kien fetah minn quddiem ghal kollox. Meta huwa kkuntattja l-hanut, l-ewwel darba qalulu illi z-zarbun kien inhasel fil-*washing machine* u ghalhekk ma kienux lesti jbiddluhulu. Meta r-rikorrent innega dan kategorikament, qalulu illi x'aktarx allura, kien inhasel bl-isgrassatore - ghal darb'ohra ir-rikorrent innega illi ghamel hekk.

Illi xehdet ukoll il-mara tar-rikorrent, Diane Casolani, illi kkonfermat bil-gurament illi hija qatt ma haslet iz-zarbun fil-*washing machine* u/jew bl-isgrassatore, izda dejjem uzat 'water, a damp cloth and dettol.'

**Ikkunsidra;**

Illi ghalkemm ir-rikorrent ma pprezentax ircevuta ghaliex ma zammhiex, gie ezebit minflok kopja tal-VISA statement illi juri illi fil-11 ta' Settembru 2013 kien hemm transazzjoni minghand il-hanut Urban Jungle, f'tas-Sliema ghal prezz ta' €51.00. Meta xehed ir-rikorrent, huwa ma setax jiftakar bi precizjoni, jekk f'dik il-gurnata kien xtara xi hag'ohra, pero' kien kwazi konvint illi €51.00 kien il-prezz taz-zarbun.

Illi t-Tribunal josserva r-rikorrent ipprezenta firxa ta' spejjes bejn €35.00 u €51.00. Peress illi t-Tribunal m'ghandux quddiemu cifra ezatta, ikun gust illi tuza d-diskrezzjoni *arbitrio bono viri* biex tasal ghal figura gusta u ekwa li ahjar tirifletti il-valur taz-zarbun illi xtara minghand id-ditta intimata.

Illi ghalhekk, it-Tribunal jiddeciedi, ukoll fil-kontumacja tas-socjeta' konvenuta, illi jilqa' t-talba tar-rikorrent u jiffissa kumpens fis-somma ta' €31.00, bhala danni dovuti lir-rikorrent ghax-xiri taz-zarbun difettuz imsemmi. Bl-ispejjes kontra s-socjeta' konvenuta.

**Av. Michela Spiteri**
**Arbitru**